KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠIŻLATURA - LAQGĦA NO. 31

TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 31 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 13 ta' Awwissu 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA
Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA 31

31.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 30;

31.3 Punti mill-minuti;

31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.5 Diskussjoni dwar storbju fil-lokalita;

31.6 Diskussjoni dwar house connections, ħruġ ta' drenaġġ u ħsarat fl-infrastruttura;

31.7 Rapport tal-accountant fuq l-awditjar tar-rapporti finanzjarji;

31.8 Intervisti għas-Segretarju Eżekuttiv;

31.9 Użu ta' kameras imwaħħla mil-LESA għal skopijiet ta' enforcement;

31.10 Traffic Management Study Xemxija;

31.11 Claims ta' ħsarat;

31.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

31.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

31.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

31.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

Sindku/Mayor: Ċensu Galea; Viċi Sindku/Deputy Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera/Councillors: Alexander Agius; Anne Marie Fenech; Sandra Gauci; Daryl Connor; Rachel Antoinette Williams; Alan Bugeja; Clevion Micallef; Joseph Matthew Attard; Alexandra Smart Costantino; Mary Borg; Raymond Tabone. Aġent Segretarju Eżekuttiv/Acting Executive Secretary: Bjorn Bonello

31.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fis-17:30 u rringrazzja lill-membri preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Huwa informa li l-Kunsilliera Anne Marie Fenech u l Kunsillier Daryl Connor talbu li jiġu skużati mil-laqgħa.

31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 30

Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 30 hekk kif miktuba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Chris Vella Petroni, issekondat mill-Kunsillier Alex Agius, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

31.3 Punti mill-minuti

Parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra – Mis-sistema ġdida ta' reġistrazzjoni li bdiet tintuża reċentement, irriżulta li hemm numru ispazji tal-parkegg mhux qed jintuża b'mod korrett u xi vetturi qed jitħallew fil-parkegg għal perjodi twal, fosthom karozzi mingħajr liċenzja jew vetturi li qegħdin jistennew partijiet jew tiswijiet. Dan kollu qed iseħħ minkejja t-tabella uffiċjali li tiddikjara li l-vetturi ma jistgħux jinżammu fil-parkegg għal aktar minn ammont limitat ta' sigħat.

Ħasil ta' bankini u toroq – Is-Sindku informa li l-kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill kienu kalkolati fuq bażi ta' bowser u mhux skont l-ammont ta' metri ta' bankini. Għaldaqstant, qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsill jitlob servizz mingħand min jikkwota fuq bażi ta' kejl ċar tal-metri li jistgħu jinħaslu, u fl-istess ħin isir aktar riċerka dwar kemm metri ta' ħasil jista' jkopri bowser wieħed sabiex il-prezzijiet ikunu jistgħu jiġu evalwati b'mod aktar preċiż u trasparenti.

Il-każ ta' Fra Ben – Is-Sindku informa li s'issa l-avukat għadu ma ta l-ebda parir dwar il-passi li għandhom jittieħdu fil-fażi li jmiss.

31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Ambulanza fiż-żona tax-Xemxija – Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba mid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex tiġi stazzjonata ambulanza u kamra għall-faċilitajiet tal-ħaddiema tas-saħħa, fil-parkegg ħdejn il-latrina pubblika fix-Xemxija.

Sadanittant, rappreżentanti tar-Red Cross għamlu kuntatt mas-Sindku biex jitolbu li jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-konnessjoni tad-dawl tal-latrina sabiex joperaw il-van tagħhom bl-air-condition, kif ukoll li jingħataw ċavetta tal-latrina sabiex l-impjegati fuq is-sit ikunu jistgħu jużawha matul il-ħinijiet tal-lejl, meta l-latrina tkun magħluqa.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn it-talbiet; madankollu ġie enfasizzat li għandu jkun hemm kontroll ċar u korrispondenza formali li tindika min hu responsabbli miċ-ċavetta tal-latrina u mill-aċċess għall-faċilitajiet.

Zebra Crossings – Is-Sindku informa li nħarġet it-talba għal kwotazzjonijiet relatati ma' erba' zebra crossings approvati: tlieta li jinsabu mal-front u oħra fil-viċinanzi tal-Menqa. Din l-aħħar zebra crossing bħalissa tinsab fil-kantuniera, u wara talba sabiex titressaq ftit metri 'l quddiem, il-proposta ġiet approvata.

Madankollu, is-Sindku rrimarka li mhux għaqli li jintefqu eluf ta' ewro sabiex din titressaq biss ftit metri. Għalhekk ġie ssuġġerit li l-Kunsill jibda x-xogħol fuq iż-zebra crossings tal-front hekk kif il-kwotazzjonijiet jiġu finalizzati, filwaqt li l-aġġustament tal-Menqa jiġi evalwat aktar 'il quddiem.

Talba ta' Kwotazzjoni għall-provista ta' servizz u tqegħid tad-dwal tal-Milied – Is-Sindku propona li t-talba għall-kwotazzjonijiet tinħareġ mill-ġdid kif sar fis-sena preċedenti. Għad trid issir verifika dwar jekk l-MTA hux ser tkun responsabbli għal armar tat-tizjien tal-Pjazza matul l-istaġun tal-Milied. Barra minn hekk, hemm bżonn tiġi kjarifikata s-sitwazzjoni dwar l-arbli permanenti li għandhom jitwaħħlu fi Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq is-Sajjied, sabiex ikun jista' jitwaħħal id-dawl tal-Milied.

Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa jekk jistax tiżdied fit-talba għall-kwotazzjonijiet ukoll il-parti finali ta' Triq Mosta Road, bejn il-pompa tal-petrol u r-roundabout, kif ukoll Triq il-Qawra fejn jinsabu l-uffiċċji tal-FSWS. Barra minn hekk, ġie propost li tintbagħat talba bil-miktub lill-stabilimenti kummerċjali sabiex jiġu mħeġġa jżejnu l-faċċati tagħhom għall-istaġun tal-Milied. Il-membri qablu li dan għandu jsir.

Inċident fi Triq San Pawl – Is-Sindku għamel referenza għal inċident li seħħ ftit ġimgħat ilu, fejn persuna li kienet għaddejja bir-rota weġġgħet fi Triq San Pawl. S'issa l-Kunsill ma rċieva l-ebda rapport bil-miktub jew dokumentazzjoni uffiċjali dwar dan il-każ, l-informazzjoni dehret biss fuq il-midja.

Is-Sindku rrimarka li fil-punt eżatt fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm pothole, iżda tul il-medda tat-triq hemm numru sostanzjali ta' house connections ta' entitajiet terzi. Huwa tenna li ilhom żmien twil jitolbu lill-entitajiet sabiex meta jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni dawn isiru b'livell ta' kwalità adegwat, sabiex il-kunsilli lokali ma jibqgħux iġorru l-konsegwenzi ta' xogħolijiet li ma jsirux kif suppost.

F'Jannar li għadda, is-Sindku kiteb personalment lill-Uffiċċju tal-Ombudsman dwar il-kwalità ta' dawn ix-xogħlijiet. Wara dan l-inċident, huwa reġa' għamel kuntatt mal-Ombudsman sabiex jitlob informazzjoni dwar jekk ittieħdux passi f'dan ir-rigward. L-Uffiċċju tal-Ombudsman talab ritratti tax-xogħlijiet li għalihom qed jirreferi s-Sindku, u dawn ser jintbagħtu fi żmien qasir.

Il-Miṫħna tal-Mistra – Is-Sindku għamel referenza għal notifika li twaħħlet fuq il-Miṫħna tal-Mistra u informa lill-Kunsill li bħalissa qed jitlestew il-formoli sabiex il-Miṫħna tiġi trasferita taħt l-isem tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Huwa spjega li l-kont tad-dawl diġà jithallas mill-Kunsill, iżda sfortunatament il-formoli meħtieġa jeħtieġu wkoll ċertifikazzjonijiet u riċerki, li aktarx ser jinvolvu spiża addizzjonali għall-Kunsill sabiex titlesta l-applikazzjoni.

Każ tal-Qorti li seħħ fl-2023 – Is-Sindku informa li l-Kunsill tilef kawża relatata ma' inċident li seħħ fl-2023, fejn persuna waqgħet f'ħofra fil-viċinanzi tat-Topaz Hotel. Il-kawża kienet tikkonċerna ħsarat ta' madwar €9,000, li l-Kunsill issa ser ikollu jkopri.

Applikazzjoni ARPA 2018/2019– Il-Kunsill kien applika għal fondi taħt skema tal-ARPA; madankollu, id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-iskema ma kinitx sottomessa fil-ħin stipulat. Konsegwentement, il-fondi li kienu ġew allokati kellhom jingħataw lura. Dan wassal biex il-kunsill tilef (u kellu jirrifondi dak li kien diġà ingħata) ċirca €54,000 min din l-iskema.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ssuġġerixxa li jitneħħew it-tabelli li jagħmlu referenza għal din l-iskema, li bħalissa huma mwaħħla f'ċerti lokalitajiet, fosthom ix-Xemxija u ż-żona tal-bus terminus.

Talba mid-Dipartiment tal-Anzjani – 'School Grannies' – Is-Sindku informa lill-membri dwar inizjattiva magħrufa bħala 'School Grannies', li permezz tagħha anzjani jkunu preżenti biex jassistu lit-tfal qabel u wara l-iskola. It-talba ser tiġi ċċirkolata lill-membri, li huma mistiedna jisottomettu l-kummenti tagħhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħti 'no objection' minn naħa tiegħu.

Skema ta' Lokalitajiet Indaf – Is-Sindku talab lill-membri biex jissottomettu s-suġġerimenti tagħhom dwar postijiet fil-lokalità li jistgħu jiġu mnaddfa bħala parti mill-attività ta' World Clean Up Day, li ser issir nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru 2026.

31.5 Diskussjoni dwar storbju fil-lokalita

Is-Sindku għamel referenza għal konferenza tal-aħbarijiet li saret minn ċerti kunsilli lokali dwar l-istorbju ġenerat minn postijiet ta' divertiment. Huwa informa lill-membri li residenti esprimew kummenti u staqsew għaliex il-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar ma kienx parti minn